# Frangisku Saverju Attard (1877-1937) u l-Festa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija

**Horatio Caesar Roger Vella**
Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta

Franġisku Saverju, Mikiel, Ġużeppi Attard, imlaqqam "tal-iskrin", twieled in-Naxxar nhar is-16 ta' Marzu, 1877, u ġie mgħammed l-għada, is-17 ta' Marzu, fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Missieru u ommu kienu Ġwanni u Marija née Attard, ukoll min-Naxxar.

Franġisku Saverju żżewweġ lil Tereża Vella, bint Tumas u Fidela Cassia, it-tnejn min-Naxxar, nhar il-31 t'Awwissu, 1895, fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Huma kellhom disat itfal. Marija, il-fustanija, kienet omm ommi, Tereża nee Bartolo.

Huwa kien ħaddied, u kellu l-ħanut tax-xogħol x'imkien fejn illum insibuh "Is-Swieqi". Għalkemm jien lil Bużnannu ma lħaqtux, sejjer inġib hawnhekk ftit rakkonti dwaru, miġburin snin ilu mingħand qraba u ħbieb.

Jidher li dan Saverju kellu karattru mhux komuni, għax għalkemm kien ta' ċertu skola u intelliġenza, għażel li f'ħajtu ma jagħmilx dak li n-nies kienet tistennieh jagħmel, imma verament ta' rasu. Kien jippreferi jaħdem fin-nugrufun u s-swidija li jġib il-ħadid, milli, anke meta seta', ta' skrivan jew supervisor maċ-Cisk. U dan kien il-kaġun li għal ftit ma laqqatx taġen ma' rasu minn martu Tereża, li kienet ħafna iktar serja minnu, meta mar jgħidilha li liċ-Cisk kien għadu kemm bagħtu jixxejjer wara li dan ġentilment offrielu xogħol miegħu ta' skrivan, jew supervisor, fuq il-bini li kien qed itella', illum imsejjaħ "Balluta Buildings". Iċ-Cisk kien sar jafu u tħajjar għalih meta ra ħafna poeżiji tiegħu mwaħħlin mal-arbli tal-festa, in-Naxxar. Imma Saverju kien ser ikun qaddej ta' ħadd!

Kien bniedem ferrieħi, jieħu l-affarijiet biż-żufjett, tant li l-istess żuffjett darba ħelsu minn ħalq il-Ġustizzja. Darba, kienet tgħidilna l-nanna Marija, jew in-Naxxar jew tas-Sliema, kien hemm waħda qasira ħafna, u sikwit kien iġegħelha twerżaq u tirrabja meta, kull meta kien jaraha, b'mossa taż-żewġ idejn kien juriha kemm kienet ċkejkna. Darba tellgħetu l-qorti, u waqt li l-imħallef kien qed jaqta' is-sentenza, fil-mument Saverju għamel il-mossa biż-żewġ pali ta' idejh lil din il-qsajra, faċċata. Din dlonk bdiet twerżaq u tgħajjat, tant li l-imħallef fil-pront ingassa s-sentenza u bagħatha 'l barra.

M'hemmx dubju li kien bieżel u inġenjuż f'xogħlu. Jgħiduli z-zijiet li f'Malta, dak iż-żmien, kien l-uniku bniedem li mhux biss kien jagħmel imfietaħ jaqblu massokra, imma kien hu stess jagħmel l-istess kaxxa tassokra.

Kien jgħix għal-lum, u l-ħajja kien irid igawdiha. Il-Ħadd, per eżempju, kien jikkonsidrah jum speċjali u kien irid igawdih, tant li kien jilbes pulit b'mod li ma kienx jintgħaraf peress li kien ħaddied, u erħilu jitħallat u jitħaddet mal-qassisin u l-avukati.

Iżda forsi l-iktar rakkont goff dwar ħajtu teħodna lura meta kien jagħti l-għajnuna tiegħu fil-Knisja ta' Stella Maris, tas-Sliema, qabel ma nbiet dik ta' San Girgor. Kien sikwit joqgħod fil-knisja bil-lejl, għassa ma' katavru, qabel ma dan jindifen l-għada. Iżda s-sagristan ġietu l-għira għaliex ħass li dik ix-xi ħaġa tal-flus kellu jeħodha hu, u mhux Saverju. Għalhekk beda jieħu ħsieb il-katavri hu. Iżda l-bużnannu ma qagħadx lura. Staħba fil-knisja ħa jara x'kien jagħmel is-sagristan. Raħ wara xi siegħat iħalli l-katavru waħdu, jagħlaq u jsakkar il-knisja, u jmur jorqod id-dar! Hawnhekk, il-bużnannu ġietu l-idea li jneħħi t-tebut minn postu, iwaqqfu quddiem il-bieb minn fejn kien jidħol is-sagristan, u telaq lejn id-dar. Ir-riżultat kien li l-għada, bil-qatgħa li ħa, is-sagristan ingħalaq f'daru u ma deherx iktar barra.

Forsi min qed jaqra dan qajla joħlom li dan Saverju Attard kien studjuż tal-Latin u tal-Grieg, bħad-dixxendent li fuqu qiegħed jikteb, barra li kien jaf ukoll bit-Taljan u bil-Franċiż. Jingħad li dawn il-lingwi kollha kien tgħallimhom peress li kellu ħsieb li jsir patri. Jingħad li l-kotba tal-Latin tant kien irid ikun viċin tagħhom, li kien jużahom ukoll għal taħt l-imħadda. Persuna oħra biss naf biħ li kien juża l-kotba bħala mħadda, u dan kien Alessandru l-Kbir! Imma l-bużnannu veru kien jaf u juża l-Latin, speċjalment meta kien jikteb dawk il-poeżiji.

U hawn ser nagħti lista ta' dawk il-poeżiji li sirt naf bihom, grazzi għall-mibki Dun Anton Sciberras, ukoll min-Naxxar, u li kien jiftakru. Kien joqgħod f'San Giljan, u tant kien jammirah lil dan il-ħaddied-poeta, li saħansitra ħaseb li jiġbor l-poeżiji tiegħu sa minn kmieni fi żmien. Dawn il-poeżiji, miktubin bil-Malti qadim, Dun Anton ġentilment kien għaddihom lill-Arkivju tal-parroċċa tan-Naxxar.

1. Lill-Bambina Marija, fil-jum solenni tat-twelid glorjuż tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1907 (karta stampata fid-Darta' San Gużepp, il-Ħamrun).
2. Lill-Bambina Marija, fil-jum solenni tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1916.

3. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1917.
4. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1918.
5. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1919.
6. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1920.
7. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1922.
8. Lill-Kbir Prekursur ta' Sidna Ġesu Kristu, San Gwann Battista, fil-jum tal-festa tat-twelid tiegħu - Ix-Xewkija, 24 ta' Gunju, 1922.
9. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1923.
10. Tifħir lil Marija Santissima f'jum il-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1924.
11. Lill-Marija Bambina, fil-jum tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1927
12. Tifħir lill-popolari banda filarmonika San Ġiljan Ospitalier, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha - San Ġiljan, 28 t'Awwissu, 1927 (Surmast Alfred Dimech, karta stampata fil-Classic Press, Bormla).
13. Lill-Marija Santissima, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1929.
14. Lill-Kbir Appostlu Missierna San Pawl, fil-jum tal-festa tal-konverżjoni tiegħu - Ħal Safi, 25 ta' Jannar, 1934.
15. Lill-Marija Bambina, fil-jum tal-festa tat-twelid tagħha - In-Naxxar, 8 ta' Settembru, 1936.

Barra dawn, in-nannu Saverju kellu poeżiji oħra barra dawn, iżda llum huma mitlufa.

Franġisku Saverju ma għix ħajja twila, tant li miet ta' 60 sena, fis-16 ta' Mejju, 1937, fil-Piccole Suore tal-Ħamrun, fejn kien għadda l-aħħar ta' ħajtu. Jingħad li kien għamel mewta "qaddisa". Wara, ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata, probabbilment f'qabar pubbliku.

Nagħlaq billi nirriproduċi poeżija waħda, l-unika ddedikata lil San Ġwann Battista u moqrija fil-festa tiegħu, proprju fix-Xewkija, disgħin sena ilu, u kumment letterarju tiegħi fuqha.

**SAVER ATTARD**

**LILL-KBIR PREKURSUR TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU, SAN ĠWANN BATTISTA, FIL-JUM TAL-FESTA TAT-TWELID TIEGĦU MFAKKRA BI KBIRA SOLLENNITÀ FIL-KNISJA PARROKKJALI U ARĊIPRETALI TAX-XEWKIJA**

I Ilsien tagħna lkoll inħollu,
l-isbaħ kant ersqu nkantaw
lill-Kbir Prekursur Ġovanni
sabiex lilu nonoraw.

II Insellmulek minn qiegħ qalbna,
lilekjixraq qim(a) u ġieh,
it-tifħir kollu jixraqlek
kullma fik kollu sabieħ.

III O Qaddis minn ta' kull kobor,
li jistħoqqlok kull unur,
il-prerogativi kollha
kollox fik jinsab miġbur.

IV Jekk kbar kienu l-Patrijarki
u l-Profeti f'li-stess ħin,
m'intix dawn int anqas minnhom,
kbir fost il-kbar Qaddisin.

V Ġesu stess mar Huwa stqarru
quddiem Lhud, quddiem kulħadd,
illi akbar mill-Battista
fost il-ġnus ma twieled ħadd.

VI O kemm ħabbek l-Iben t'Alla,
kemm mar lilek jonorak18,
Saħansitra fil-ġuf t'ommok
minnu ġejt santifikat.

VII Int Qaddis, bin il-miraklu,
Kollox biċ-ċar juri,
Inti l-għaħeb tan-natura,
Għax-xjuħ kienu l-ġenituri.

VIII Kien infatti Żakkarija
Qed jinċensa lill-altar;
F'daqqa waħda jilmaħ Anġlu,
Dal-kelmiet lilu mar qal:

IX Xejn la tibż(a'), o Żakkarija,
Minn għajnejk ixotta d-dmugħ,
Il-għaliex it-talb minn tiegħek
Quddiem Alla ġie mismugħ.

X Inti tfajjel ser ikollok,
Quddiem Alla jkun tant kbir,
Issemmih għandek Ġovanni
Li jkun denn ta' kull tifħir.

XI Għal dan il-kliem tal-Anġlu
Żakkarija m'emmen xejn;
"kif qatt jista' li jsir dana,
Jien u marti xjuħ it-tnejn?"

XII F'daqqa waħda dan jitbikkem,
Xejn ma baqa' bħal ma' kien;
B'kastig talli ma riedx jemmen,
Dam ma tkellem għal xi żmien.

XIII Għadda ż-żmien (u) Eliżabbetta
kellha tfajjel; bħalu qatt
ma kien għadha rat id-dinja,
kien il-għaġeb ta' kulħadd.

XIV "X'għad ikun minnu dat-tfajjel?"
Mistgħaġbin kollha l-ġirien,
lil xulxin bdew lkoll jistaqsu,
ma deher bħalu qatt u mkien!

XV Riedet taf Eliżabbetta
x'isem tagħti lit-Tarbija;
lil żewġħ(a) għamlet is-sinjali,
biex b'xi mod kieku juriha.

XVI Żakkarija beda jikteb:
Ġwanni jkun l-isem minn tiegħu.
F'daqqa waħda nħall ilsienu;
kulħadd beda jifraħ miegħu.

XVII Aħna wkoll illum nifirħu;
minn qiegħ qalbna llum nagħtuk;
Imgħaxxqin bil-glorja tiegħek,
Qatt ma nixbgħu infaħħruk.

XVIIIViva dejjem San Gwann tagħna,
Prekursur minn tal-Messija,
Titualar ta' dan it-tempju
Tal-parroċċa tax-Xewkija.

**Saverio Attard**
*Nihil Obstat Die 16 Junii 1922*
*Aloisius Can. Theol. Attard. Cens. Theol.*

**Kumment Letterarju**

Din il-poeżija, l-unika li għandna reċitata f'Għawdex minn dan il-poeta, ta' tmintax-il strofa, hija mqassma fi tmien partijiet:

- L-ewwel parti hi ta' żewġ strofi (1-2), li huma tifħir lil San Ġwann Battista.
- It-tieni parti għandha tliet strofi (3-5), u dawn kollha jittrattaw fuq il-kobor ta' San Ġwann Battista.
- It-tielet parti għandha mill-ġdid żewġ strofi (6-7), u dawn jitkellmu fuq il-qdusija u l-miraklu tat-twelid ta' San Ġwann.
- Ir-raba' parti għandha tliet strofi (8-10), u dawn kollha huma fuq id-dehra li kellu Żakkarija meta kien fit-tempju.
- Il-ħames parti, ta' żewġ strofi (11-12), titkellem fuq l-inkredulità ta' Żakkarija u l-kastig li qala'.
- Is-sitt parti, ukoll ta' żewġ strofi (13-14), torbot mat-tielet parti, u telabora fuq it-twelid ta' San Ġwann, kif ukoll mat-tieni parti, il-kobor tiegħu.
- Is-seba' parti, ta' żewġ strofi (15-16), tittratta fuq l-isem ta' Gwanni, u għalhekk torbot mar-raba' parti fejn, fid-dehra, l-Anġlu indika x'kellha tissemma t-tarbija.
- Fl-aħħarnett, it-tminn u l-aħħar parti (17-18) torbot mal-ewwel parti, it-tifħir tagħna lejn San Ġwann Battista.

Minn dan wieħed jara kif kull strofa hi meħuda ma' strofa jew tnejn oħra, u kif il-poeżija kollha hi mibnija fuq repetizzjoni ta' kunċetti permezz ta' din l-iskema:

A(l-2),
B(3-5), Ċ(6-7), D(8-10),
E(11-12),
Ċ(13-14), D(15-16),

A(17-18)A=tifħir; B=kobor; Ċ=twelid;
D=dehra lil Żakkarija; E=l-inkredulità.

B'hekk, donnu l-poeta qiegħed idawwar l-inkredulità ta' Żakkarija b'kobor ta' grazzja li tidher fid-dehra, fit-twelid u fl-isem ta' Ġwanni, u dan kollu bit-tifħir tagħna lejh.

Nittrattaw issa it-prosodija ta' din il-poeżija. F'dawn it-tnejn u sebgħin vers insibu żewġ tipi ta' vrus, it-tnejn trokajċi. Eżempju, 1.1:

*Ilsien tagħna lkoll inħollu,*

li jissejjaħ "Dimetru Trokajku Akatalettiku",

u 1.2:

*l-isbaħ kant ersqu nkantaw*

li jissejjaħ "Dimetru Trokajku Katalettiku", b'imitazzjoni ta' Orazju, *Għanjiet* 2.18.1, poeta Latin li l-poeta tagħna ġieli pprova jimita f'poeżiji oħra:

*Non ebur neq(ue) aureum*

Is-sillaba trokajka / ... / tinkonsisti f'żewġ sillabi, waħda twila u l-oħra qasira. Fil-lingwi moderni, bħall-Malti, dan nesprimuh billi nitfgħu l-aċċent fuq l-ewwel, u mhux fuq it-tieni.

Id-Dimetri Trokajċi Akatalettiċi jikkonsistu fi tminn sillabi, waqt li d-Dimetri Trokajċi Katalettiċi f'seba' sillabi. Minn dawn it-tmintax-il strofa, erbatax għandhom alternazzjonijiet bejn tminn sillabi (l-ewwel u t-tielet vrus), u seba' sillabi (it-tieni u r-raba' vrus); imma strofi seba', ħmistax, sittax u tmintax huma kollha Akatalettiċi, jiġifieri, ta' tminn sillabi kull vers. B'dan il-mod, il-poeta, meta ma jalternax, ikun qed jemfasizza bir-rittmu xi kunċett importanti, bħall-miraklu tat-twelid ta' San Ġwann (7), l-isem ta' San Ġwann (15-16), u l-aħħar (18), li għax hi tal-aħħar, hi bilfors emfasizzata.

Ngħaddu issa għar-rima. F'din il-poeżija, Saverju Attard iqabbel l-għeluq tat-tieni vers ta' kull strofa mal-għeluq tar-raba' vers. B'hekk kull strofa tispiċċa b'dawn is-sillabi:

1. -aw, 2. -ieħ, 3. -ur, 4. -in, 5. -add, 6. -at, 7. -uri, 8. -al, 9. -mugħ, 10. -ir, 11. -ejn, 12. -ien, 13. -add, 14. -ien, 15. -ja/ha (bl-istess ħoss), 16. -iegħu, 17. -uk, 18. -ija.

Minn dan ta' fuq, wieħed jista' jinnota l-varjetà li l-poeta żamm fir-rima, barra fi strofi 5, 12,13 u 14. F'dawn l-istrofi nisimgħu fuq il-kobor ta' San Ġwann Battista u fuq l-inkredulità ta' missieru meta kellu d-dehra.